

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6376 – ArcelorMittal/ATIC Services)**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2011/C 321/13)

1. Fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża ArcelorMittal Netherlands BV ("ArcelorMittal") takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Franċiża ATIC Services Group ("ATIC") permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - ArcelorMittal hija kumpanija li tagħmel parti mill-ArcelorMittal Group, li hija kumpanija attiva globalment fil-qasam tal-azzar u l-minjieri,
  - ATIC tipprovdi servizzi tul il-katina loġistika għall-importazzjoni u t-tkomplija tat-trasportazzjoni interna primarjament tal-faħam u tal-mineral tal-ħadid, u sa punt aktar limitat servizzi għall-esportazzjoni ta' prodotti lesti tal-azzar mill-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, ATIC tipprovdi (i) servizzi fit-terminali tal-portijiet tal-baħar għall-prodotti xotti bil-kwantità fil-portijiet ta' Rotterdam, Amsterdam, Zeeland, Fos-sur-Mer, Dunkirk, Le Havre u Gdynia, (ii) aġenzija tat-tbaħħir bil-kwantità f'ibħra fondi u servizzi relatati tal-loġistika, (iii) loġistika interna tal-baħar, u (iv) servizzi relatati mal-kummerċ tal-faħam.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6376 – ArcelorMittal/ATIC Services, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").